**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 10 TA' MEJJU, 2002**

**Numru: 11**

**Avviz Nru: 841/02 AE**

**Pater Finance Co Ltd**

**Vs**

**Emanuel Galea u martu Carmen Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mija u erbgha u sittin lira Maltija (Lm864), importa ta' tmien kambjali wahda ta' Lm87 (bilanc) u sebgha ta' Lm111-il wahda, debitament accettati u skaduti minn Awissu 2001 sa Marzu 2002 rispettivament u mhux imhallsa.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deheru ghas-seduti.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra l-kambjali li gew prezentati mis-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tmien mija u erbgha u sittin lira Maltija (Lm864), bl-imghax mid-data li mmaturat kull wahda mill-kambjali.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**